MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 943/1997/1

Joseph Xuereb
vs
Chairman Employment & Training Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma giex offrut impieg.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien jahdem bhala seaman u derrick man ghal bosta snin meta fl-1987 spicca bla xoghol. Hu beda jirregistra ghax-xoghol mill-ewwel.
L-ETC baghtu ghar-rikorrent u baghtuh l-Awtorita’ Marittima ghal interview ghal Berth Assistant. Ir-rikorrent, bl-esperjenza li kellu f’dan ix-xoghol hassu mar tajjeb,

madankollu hu l-anqas biss ircieva risposta u hallewh minghajr impjieg.

Sussegwentement, baghtu ghar-rikorrent is-Sea Malta, talbuh diversi dokumenti u sakemm gabhom kollha, l-ghada filghodu infurmawh li l-impieg li kien offrut ma kienx ghadu mehtieg.

Matul dawn id-9 snin li kien ilu jirregistra ghax-xoghol skond il-kwalifikazzjonijiet li kellu, inholqu hafna impiegi mas-Sea Malta, mal-Gozo Channel u mat-Tug Malta izda qatt ma offrewlu impieg iehor.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingusitzzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata impieg skond il-kapacitajiet tieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimat li eccepixxa:
Illi r-rikors tar-rikorrent ghandu jigi michud stante illi fic-cirkostanzi tal-kaz kif ser jigu spjegati, l-intimati mxew b’mod regolari ma’ l-istess rikorrent.

Illi r-rikorrent naqas hu stess milli jottjeni l-Ktieb tal-Bahar li kien jikkwalifikah biex japplika ghal certi pozizzjonijiet.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrrentipprezenta affidavit fejn semma li qabel Mejju 1997 kien jahdem fuq oil rigs bhala painter, derrick man u affarijiet ohra konnessi max-xoghol tal-bahhara. Semma li kellu esperjenza kbira f’dan il-mestjier u li xogholu kien jaghmlu tajjeb hafna. Kien jintbaghat fuq xoghol mill-Medserv u mill-agenti privati bhal Charles Stivala.

Sostna li meta nbidel il-Gvern fl-1987, ma baghtux ghalih aktar u kellu jibda jirregistra minhabba li diga` kellu familja u ghaldaqstant kellu bzonn li jsib xoghol malajr kemm jista’ jkun. Qal li madanakollu, l-Employment and Training Corporation li kienet tibghat ghal diversi nies sabiex jaghmlu x-xoghol li kien jaghmel hu, din ma baghtitx ghalih. Baghtu darba wahda ghax-xoghol ta’ berth assistant, ghamel l-interview izda ma sema’ xejn aktar. Baghtu darb’ohra ghalih is-Sea Malta izda l-ghada filghodu infurmawh li l-post kien imtela’ wkoll. Sostna li kien jirregistra bhala seaman, izda qatt ma gie mitlub jipproduci l-ktieb tal-bahar. Kien tahom ic-certifikati tieghu.

Xehed Edwin Mallia li jahdem mal-Employment and Training Corporation bhala Senior Executive. Semma li r-rikorrent kien beda jirregistra mal-ETC fl-ewwel parti tar-registru fit-3 ta’ Jannar 1994 skond ir-records tal-computer. Mistoqsi jekk setax kien qed jirregistra qabel qal, li mir-records dan kien dak li qed jirrizultalu. Semma li meta jibdew jirregistraw jaghtuhom il-karta s-safra li hija l-prova li persuna tkun qieghda tirregistra.

Xehed li kellu l-file tar-rikorrent li jibda mill-1984. Dak iz-zmien kienu jiehdu hsieb il-Labour Office u l-file ittiehed minn ghandhom pero` l-Korporazzjoni giet imwaqqfa fl-1990. Irrizulta li fil-fatt fl-1990 ir-rikorrent kien jirregistra pero` nqata’ mir-registru fit-3 ta’ Dicembru 1990. Meta

nqatatlu r-registrazzjoni hu kien appella u din id-decizjoni giet mibdula.

Meta rega’ xehed fl-10 ta` Jannar, 2002 a fol 45 et Edwin Mallia dwar ir-rikorrent semma li bejn l-1987 u l-1995 kien jirregistra kwazi ininterrottament. F’Dicembru 1990 kien struck off u ghalhekk waqaf. In segwitu rebah il-kaz u gie re-instated. Ir-rikorrent ma kienx qed jirregistra bejn is-16 ta’ Dicembru 1993 u t-3 ta’ Jannar 1994. Ma kienx qed jirregistra biss f’dawn it-tliet gimghat tat-tarf tal-1993 u l-bidu tal-1994. Ir-rikorrent kien jirregistra mal-ETC bhala Deckhand, Well Driller u Labourer Mining li kollha ghandhom x’ jaqsmu mal-oil rigs.

Ir-records ma kienux jinzammu propja ghax kienu jibghatu lil perusni bhar-rikorrent ghand employer u jistennew il-feedback minghand l-employer x’ gara u ma garax. Semma li x-xoghol mal-oil rigs ma tantx kien ikollhom rikjesti l-bicca l-kbira. Kienu jirreferuhom ghand l-agenziji bhal Cassar & Cooper.

Xoghol ta’ Deck Hand li ghalih kien jirregistra wkoll ir-rikorrent jista’ japplika ghal xoghol fuq vapur barra bhal oil rigs. Kellhom rikjesta ghal Able Seaman mas-Sea Malta u din kienet giet ricevuta f’Jannar 1995. Pero` ghalkemm issottomettewha, r-rikorrent ma kellux il-ktieb tal-bahar li kien rikjest.

Kien hemm ukoll request ohra mit-Tug Malta fi Frar 1992 ghal zewg Seaman, bahhara, mhux Deck Hand u r-rikorrent ma dahalx fil-lista tal-print out ghax ma kellux Able Seaman Certificate. Mit-Tug Malta kien hemm request iehor datat Settembru 1994 ghal Bosun. Hawn l-istess ma baghatuiex ghax dawn riedu Inside Outside Harbour License, barra sea going experience. Ir-rikorrent jidher li kellu esperjenza fuq rig u mhux bhala sea going. L-istess kien gara fil-11 ta’ Lulju 1995 ghal Boatswain mat-Tug Malta. Dawn riedu Inside Outside Harbour License u sea going experience u l-istess haga wara.

Il-kwalifiki li jkollu registrat applikant dejjem jiddependu milli jkun gabilhom hu. Qualifications tar-rikorrent skond

ma kellu registrat ma' l-ETC kienu School Leaving Certificate u Seaman Book Competent. Cahad li b'xi mod kien hemm, gie moghti piz ghat-twemmin politiku tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk mill-provi li gew prodotti hemm l-allegazzjoni tar-rikorrent illi lilu l-ETC ma baghtitx ghalih f'diversi drabi, izda mid-deposizzjonijiet moghtija mill-impjegat ta' l-ETC, irrizulta illi fil-fatt meta kellhom l-opportunita` huma dejjem baghtu ghar-rikorrent u li ma baghtux ghalih meta hassew illi effettivament ir-rikorrent ma kellux il-kwalifiki li kienu gew mitluba mill-kumpanija li tkun qieghedha interessata li timpjega lin-nies.

It-Tribunal ma jsibx li saret l-ebda ingustizzja mill-ETC f'dan ir-rigward ghax l-ewwel nett ghamlet sewwa li meta r-rikorrent ma kellux il-kwalifiki rikjesti f'dak il-kaz ma baghtitx ghar-rikorrenti ghax kien ikun hela ta' hin, u dwar il-fatt jekk kienx hemm xi applikazzjoni ohra pendenti dan ma ngabet ebda prova tieghu u ghalhekk certament it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja ta' xi haga illi ma hemmx prova dwarha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tac-Chairman Employment and Training Corporation.

Spejjez kontra r-rikorrent.